**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 92 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Mark Agius**

**Joseph Agius**

**Maria Agius**

Illum 27 ta' Jannar 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotti kontra l-appellati Mark Agius ta' wiehed u tletin (31) sena, iben il-mejjet Adrian u Bernardette nee' Mejlaq, imwieled ir-Rabat, Ghawdex fit-18 ta' Jannar 1988, residenti fil-fond numru 72, Triq Mattia Preti, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta' tal-identita' bin-numru 7888 (G) , Joseph Agius ta' hamsa u tletin (35) sena, iben il-mejjet Adrian u Bernardette nee' Mejlaq, imwieled ir-Rabat, Ghawdex fit-12 ta' Novembru 1983, residenti fil-fond numru 72, Triq Mattia Preti, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta' tal-identita' bin-numru 38683 (G) u Maria Agius ta' sebgha u ghoxrin (27) sena, bint il-mejjet Adrian u Bernardette nee' Mejlaq, imwielda r-Rabat, Ghawdex fl-10 ta' Novembru 1991, residenti fil-fond numru 72, Triq Mattia Preti,

Rabat, Ghawdex u detentrici tal-karta' tal-identita' bin-numru 1992 (G) , akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-18 ta' April, 2018 ghall-habta ta' 9:25a.m. u / jew fil-granet ta' qabel, waqt li kien qieghed isir xoghol ta' struzzjoni u / jew taht is-supervizjoni taghhom gewwa fond bin-numru 3, fi Triq Sir Adrian Dingli, Rabat, Ghawdex u / jew fil-vicinanzi;

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkagunaw hsara jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u dana ai dannu tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali u / jew il-Gvern ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikoli 328 tal-Kapitolu 9;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi xjentement jew b'negligenza, nuqqas ta' hila jew ta' osservanza ta' regolamenti kkagunaw dannu lil jew qerdu proprjeta' kulturali sew jekk tali proprjeta' hija jew mhix registrata skont l-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali u dan bi ksur tal-Artikolu 70 (1) (a) tal-Kapitolu 445;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi wettqu xoghlijiet ta' zvilupp li permezz taghhom twaqqa' parti mill-fortifikazzjoni ta' madwar ic-Cittadella liema struttura hija skedata skont l-Avviz numru 427 mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar is-27 ta' Gunju 1995 u dan kollu bi ksur tal-Artikolu 103 (1) (b) tal-provvedimenti tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (tal-Kap. 552);

4. Mark Agius akkuzat wahdu talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati li huma definittivi li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-16 ta' Settembru, 2021, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontrihom u minnhom illiberathom.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-14 t' Ottubru, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, in vista tal-konsiderazzjonijiet imsemmija aktar 'l fuq f'dan l-umli appell, tghaddi sabiex issib l-appellati hatjin, skond il-ligi, tat-tlett imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghhom, u ssib lill-imputat appellat Mark Agius wahdu, skond il-ligi, hati tar-raba' imputazzjoni dedott fil-konfront ta' Mark Agius wahdu, w konsegwentement tinfliggi fuqhom l-piena idonea skond il-ligi.

Rat illi l-aggravju huma cari u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi fit-28 ta' Settembru, 2021 ir-rikorrent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-atti processwali fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom b'mod car u manifest hekk kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem f'dan ir-rikors.

**<u>L-EWWEL AGGRAVJU</u>**

**Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-aggravji l-ohra, fl-umli fehma tal-esponent is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi nhar is-16 ta' Settembru 2021 hija nulla w dana minhabba nuqqas ta' formalità jew minhabba htigiet ta' procedura;**

Illi l-appellant umilment jissottometti illi huwa qieghed iressaq dan l-aggravju a tenur tal-Artikolu 413 (1) (b) (viii) tal-Kodici Kriminali li jikkontempla kazijiet fejn "id-decizjoni tal-qorti inferjuri hija nulla minhabba nuqqas ta' formalita' jew minhabba htigiet ta' procedura";

Illi l-aggravju tal-Avukat Generali f'dan ir-rigward huwa car u manifest, u dan stante illi l-atti processwali huma difettuzi u ghaldaqstant is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-16 ta' Settembru, 2021 fl-ismijiet premessi hija nulla;

Illi dan stante illi, fl-umli fehma tal-esponent, **it-tieni imputazzjoni** migjuba kontra l-appellati kienet tesorbita l-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati, u dan *konsiderando* li taht Artikolu 70 (1) tal-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali, kull min jinsab hati taht l-istess artikolu tal-ligi jehel multa jew prigunerija ghal terminu li ma jaqbizx **sitt (6) snin**, jew ghal dik il-multa u prigunerija;

Illi skond Artikolu 370 (4) tal-Kodici Kriminali,[1] l-Qorti tal-Magistrati qatt ma setghet tikkonverti ruhha minn Qorti Istruttorja ghal Qorti ta' Gudikatura Kriminali minghajr il-kunsens tal-Avukat Generali f' kaz li d-delitt li bih l-imputat ikun akkuzat huwa wiehed li ghalih hemm piena ta' prigunerija ghal zmien **ta' aktar minn sentejn izda mhux aktar minn sitt snin**;

Illi fil-fatt ma jirrizulta mkien mill-atti processwali tal-kawza odjerna li l-Avukat Generali kien ta l-kunsens tieghu sabiex l-appellati, jekk iridu, ikunu gudikati bi procedura sommarja, u lanqas ma jirrizulta mill-atti li l-appellati innifishom taw tali kunsens, kif il-ligi hawn fuq citata tirrikjedi;

[1] Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fl-umli opinjoni tal-esponent isegwi li l-procedura applikata mill-Qorti tal-Magistrati ma kinitx koretta u ghalhekk l-atti huma difettuzi ghaliex il-Qorti tal-Magistrati qatt ma kienet kompetenti li tippronunzja s-sentenza fil-konfront tal-imputati;

Illi ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ghandha **tirrevoka u thassar is-sentenza appellata**, kif fil-fatt ghamlet fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Emanuel Cauchi*** moghtija fis-seduta tad-29 ta' April 2014 preseduta mill-Onor. Imhallef Lawrence Quintano.

**IT-TIENI AGGRAVJU**

**Illi, sussidjarament u minghajr pregudizzju ghas-suespost jew ghall-aggravji l-ohra, ir-rikorrent umilment ihoss li l-Qorti tal-Magistrati erronjament skartat ix-xhediet li ngabru mill-esperti Dr. Renata Farrugia u Perit Profs. Alex Torpiano matul l-inkjesta Magisterjali, u li tali xhieda huma provi indispensabbli u ammissibbli skont il-ligi;**

Illi l-appellant umilment jissottometti illi huwa qieghed iressaq dan l-aggravju a tenur tal-Artikolu 413 (1) (b) (vi) tal-Kodici Kriminali li jikkontempla kazijiet fejn "il-Pulizija, jew skont il-kaz, il-kwerelant ma jkunx gie permess waqt il-kawza li jipproduci b'appogg ghall-akkuza, xi prova indispensabbli li kienet ammissibbli skont il-ligi;"
Illi fis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Magistrati kienet tal-fehma li stante li **"mkien ma hemm imnizzel li l-esperti mahtura ghandhom jiehdu l-istqarrijiet guramentati", "[x-xhieda] li ngabret mill-esperti Torpiano u Farrugia se jkunu skartati"** (*fol.* 409 u 413) ;[2]

Illi jigi rilevat illi huwa l-umli fehma tar-rikorrent li certament bi zvista l-Qorti tal-Magistrat ma haditx konjizzjoni tad-Digrieti tan-Nomina ta' Dr. Renata Farrugia u

[2] L-enfasi ta' l-esponent.

Perit Profs. Alex Torpiano li jinsabu a *fogli* 24 u 25 rispettivament fl-atti processwali tal-kawza odjerna; [3]

Illi fil-*fogli* tal-atti processwali msemmijin jidher ampjament car li kull wiehed minn dawn l-esperti gie nominat mill-Magistrat Joanne Vella Cuschieri – *ossia* l-istess Magistrat Inkwirenti li kkonkludiet l-inkjesta – **"bil-fakolta' li tamminstra / jamminstra l-gurament lix-xhieda jekk ikun l-kaz"** (*fogli* 24 u 25) ;

Illi fil-fehma tal-esponenti appellant id-diversi xhieda ta' xhud krucjali li ngabru mill-esperti Dr. Renata Farrugia u Perit Profs. Alex Torpiano matul l-inkjesta Magisterjali li gew skartati erronjament certament jikkostitwixxu provi indispensabbli b'appogg ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tal-imputati, u dan specjalment *in visto* tal-fatt li dawn l-istess xhieda kienu fformaw is-sisien ta' hafna mill-argumenti li gew imressqin mill-Prosekuzzjoni;

Illi ghaldaqstant l-esponent ihoss li ghandu jsegwi li stante illi l-Qorti tal-Magistrati ddecidiet biex tiskarta evidenza indispensabbli u essenzjali li giet migbura mill-Magistrat Inkwirenti minghajr ebda gustifikazzjoni fil-ligi, hija l-umli fehma tal-esponent li **s-sentenza appellata ghandha tigi rrevokata u mhassra.**

**<u>IL-TIELET AGGRAVJU</u>**

**Illi, sussidjarament u minghajr pregudizzju ghas-suespost jew ghall-aggravji l-ohra, fl-umli fehma tal-esponent is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi nhar is-16 ta' Settembru 2021 hija nulla w dana minhabba nuqqas ta' formalità jew minhabba htigiet ta' procedura li rrizultaw meta l-Awtorita' tal-Ipjannar ma nghatatx id-dritt sabiex tidher u tippartecipa fil-kaz f'isem il-prosekuzzjoni, bi ksur tal-artikolu 96 tal-Att Dwar l-Ippjanar tal-Izvillupp;**

[3] Jew *fogli* 9 u 10 rispettivament tal-atti ta' l-Inkjesta Magisterjali.

Illi l-appellant umilment jissottometti illi huwa qieghed iressaq dan l-aggravju a tenur tal-Artikolu 413 (1) (b) (viii) tal-Kodici Kriminali li jikkontempla kazijiet fejn "id-decizjoni tal-qorti inferjuri hija nulla minhabba nuqqas ta' formalità jew minhabba htigiet ta' procedura";

Illi, qabel xejn, jigi rilevat illi l-imputazzjonijiet kienu gew dedotti mill-Pulizija fil-konfront tal-imputati wara li nghalqet il-*proces verbal* u wara li ntbaghat kwereli mill-Ufficju tal-Awtorita' tal-Ipjannar fil-konfront ta' Mark, Joseph u Maria Agius (*fol.* 165*);*
Illi waqt is-seduta ta' nhar is-17 ta' Novembru 2020 quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet premessi[4] d-difiza kienet ressqet bhala xhud lill-Perit Saviour Micallef fejn gie mistoqsi fuq l-involviment tieghu fil-kaz;

Illi l-Awtorita' tal-Ippjannar, permezz tal-avukat tal-fiducja taghha Dr. Melanie Sammut, talbet seduta stante lill-Qorti tal-Magistrati sabiex tkun awtorizzata tressaq il-kaz tal-Awtorita' ta' l-Ipjannar, tirrileva dwar il-kaz, u taghmel id-domandi lix-xhud in kontro-ezami;

Illi minkejja din it-talba, **l-Qorti kienet tal-fehma li "[l-Awtorita' ta' l-Ipjannar ma tista'] tirrileva xejn; il-Prosekutur irid jirrileva**", u li "inti [Dr Melanie Sammut] jekk joghgbok inzel bilqieghda ghax ha naghmillek disprezz u nirrappurtak lill-Kummissjoni […]" (*fol.* 306 *et seq.*) ;

Illi konsegwentement, l-Awtorita' pprezentat rikors (*fol.* 322) quddiem l-istess Qorti sabiex tilmenta dwar id-drittijiet taghha bhala kwerelanta li, skond hi, gew miksurin waqt dawk il-proceduri – izda il-Qorti cahdet din it-talba wkoll (*fol.* 329);

[4] Din is-seduta instema' ukoll ghall-finijiet tal-kawzi kontra il-Perit Saviour Micallef, kif ukoll dik kontra l-kuntrattur Anthony Gorg Bugeja, ghax dawn it-tlett kawzi instemghu kontestwalment flimkien.

Illi fl-umli opinjoni tal-esponent, matul is-seduta hawn fuq imsemmija w konsegwentement matul is-seduti l-ohra li gew mismughin quddiem l-istess Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet premessi, l-Awtorita' tal-Ipjannar ma kinitx giet permessa d-dritt sabiex tidher u tippartecipa fil-kaz f'isem il-prosekuzzjoni, u jezisti aggravju taht l-Artikolu 413 (1) (b) (viii) ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi ai termini tal-artikolu 410 tal-Kodici Kriminali, l-Awtorita' tal-Ipjannar bhala l-kwerelanta kellha d-dritt li mhux biss tkun prezenti fil-proceduri tal-kawza fl-ismijiet surreferiti izda wkoll li tressaq provi u taghmel ezami u kontro-ezamijiet ta' xhieda migjuba fil-kaz;

2. Illi ai termini tal-artikolu 96 ta' Att Dwar l-Ippjanar tal-Izvillup[5] partikolarment sub-artikolu 3 li jiddisponi li "L-ufficjali mahtura taht dan l-artikolu ghandu jkollhom, minkejja kull ligi ohra, id-dritt li jghinu lill-pulizija fil-prosekuzzjoni ta' reati taht dan l-Att u li jidhru u jippartecipaw fil-kaz f'isem il-prosekuzzjoni", l-Awtorita' **kellha d-dritt li tippartecipa fil-kaz odjern f'isimha w anki f'isem il-prosekuzzjoni**;

3. Illi l-esponent ihoss li l-legislatur ippermetta ghac-cirkostanza prevedut mill-artikolu 96 ta' Att Dwar l-Ippjanar tal-Izvillup partikolarment ghaliex il-ligi tal-ippjanar hija wahda teknika u partikolari hafna u ghalhekk, dejjem bir-rispett, jinghad li ried li jkun hemm partecipazzjoni min-nahet l-ufficjali tal-Awtorita' u dana sabiex t-tressiq ta' provi u d-domandi jsiru fl-isfond tal-ambitu tekniku tal-kaz;

4. Illi jigi rilevat ukoll li l-partecipazzjoni tal-Awtorita' f'kawzi li jinkludu reati taht l-Att Dwar l-Ippjanar huwa essenzjali u dan mhux biss ghaliex l-Awtorita' hija f'pozizzjoni teknika ahjar li tressaq il-provi u tirregola l-pozizzjoni taghha, izda

[5] Kapitolu 552 tal-Ligijiet ta' Malta.

wkoll ghaliex l-Awtorita' tagixxi fl-interess generali specjalment meta wiehed iqis li wahda mill-akkuzi tinvolvi reati fuq propjeta' skedata, liema skedar isir fl-interess pubbliku. Infatti jekk wiehed jaghmel riferenza ghall-akkuzi, jirrizulta li wahda mill-akkuzi hija fir-rigward li twettaq zvillup jew thalla li jitwettaq zvillup li permezz tieghu twaqqa' parti mill-fortifikazzjonijiet ta' madwar ic-Citadella liema fortifikazzjoni huma skedati ai termini tal-Avviz Numru 427 mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar is-27 ta' Gunju 1995. Din l-akkuza tinkwadra bhala ksur tal-artikolu 103 (1) (b) tal-provvedimenti tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvillupp;

5. Illi jsegwi li galadarba wahda mill-akkuzi hija proprju fuq ksur ta' artikolu taht l-Att Dwar l-Ippjanar tal-Izvillup, l-Awtorita' mhux biss kellha d-dritt li taghmel il-kontro-ezami tax-xhieda tal-Perit Saviour Micallef ai termini tal-artikolu 410 tal-Kap 9 izda wkoll ai termini tal-artikolu 96 tal-Kap 552;

Illi ghaldaqstant l-esponent ihoss li ghandu jsegwi li stante illi l-Awtorita' tal-Ipjannar ma gietx permessa d-dritt sabiex tidher u tippartecipa fil-kaz odjern minghajr gustifikazzjoni fil-ligi**, is-sentenza appellata ghandha tigi rrevokata u mhassra.**

**<u>IR-RABA' AGGRAVJU</u>**

**Illi sussidjarament u minghajr pregudizzju ghas-suespost jew ghall-aggravji l-ohra, l-esponent jirrileva li l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha ghaddiet biex tillibera lill-imputati <u>mill-EWWEL imputazzjoni</u> minhabba li l-fatt ma kienx fih l-ingredjenti tar-reat ikkontemplat f'tali imputazzjoni dedott kontrihom;**

Illi l-appellant umilment jissottometti illi huwa qieghed iressaq dan l-aggravju a tenur tal-Artikolu 413 (1) (b) (iv) (*i*) tal-Kodici Kriminali li jikkontempla kazijiet fejn "l-imputat jew l-intimat jigi liberat minhabba f'li l-fatt ma jkunx fih l-ingredjenti ta' reat";

Illi l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza appellata, wara li kkunsidrat l- ewwel imputazzjoni, kkonkludiet li l-fatt ma hemmx fih l-ingredjenti tar-reat ikkontemplat taht l-Artikolu 328 tal-Kodici Kriminali, u dan stante li **l-hajt in dizami ma jappartjenix lill-Gvern ta' Malta**, u b'hekk iddecidiet li din l-imputazzjoni ma tistax tirrizulta u ghaddiet biex tillibera lill-imputati min din l-imputazzjoni;

Illi l-Qorti bbazat din id-decizjoni fuq tlett provi:

1) **L-ewwel prova:** id-dikjarazzjoni "Hemmhekk mhux *registration area*" li tinsab fix-xhieda ta' Dr Marlin Vella (Assistent Registratur tal-Artijiet) - *vide* il-*foglio* mhux innumerat li jigi wara fol. 187 tal-atti processwali) ; u

2) **It-tieni prova:** "Jidher car minn dawn ir-ritratti [li jinsabu a *fol.* 50 tal-atti processwali] li l-Gvern ma inkludiex dan il-hajt u l-faccati l-ohra tad-djar adjacenti fir-restawr estensiv li sar fic-Cittadella recentement"; u

3) **It-tielet prova:** id-dikjarazzjoni "[il-hajt] ma kellux valur evidenti, certament mhux valur ta' fortifikazzjoni ghax kien pjuttost assocjat ***ma' xoghol*** [6] li sar wara meta nholqot id-dar u aktarx meta nholqu certi interventi fuq wara l-proprjetà" li tinsab fix-xhieda ta' Mark Anthony Mifsud (mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali) *a fol.* 192 tal-atti processwali.

Illi kif se jigi umilment spjegat mill-esponent, it-tlett provi hawn fuq imfissrin **ma jikkoncernawx il-kwistjoni ta' min jappartjeni l-hajt in dizami**, u li fil-kawza odjerna l-fatti fihom l-ingredjenti tar-reat ikkontemplat minn artikolu 328 tal-Kodici Kriminali, fosthom li l-hsara saret ghad-dannu tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali u / jew il-Gvern ta' Malta;

[6] L-enfasi ta' l-esponent.

Illi dwar l-**ewwel prova** hawn fuq imfissra, jigi umilment sollevat li Dr Marlin Vella kien ghamel din id-dikjarazzjoni biex iwiegeb ghall-mistoqsija specifika hafna tal-Qorti, li kienet "*to testify on whom **the property** Triq Sir Adrian Dingli, Rabat, Gozo is*";[7] Illi l-veritenza li fuqha tistrieh l-ewwel imputazzjoni li giet dedotta fil-konfont tal-imputati **assolutament ma tikkoncernax** l-identifikazzjoni tal-propjetarju / i tad-dar li tinsab f' Triq Sir Adrian Dingli, Rabat, Gozo, izda l-identifikazzjoni tal-propjetarju / i tal-hajt divizorju in kwistjoni, u ghalhekk din il-parti tax-xhieda ta' Dr Marlin Vella ma setghetx tintuza bhala evidenza fil-kwistjoni ta' jekk il-hajt in dizami jappartjeni lis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali u / jew il-Gvern jew le;

Illi fil-fatt jirrizulta li l-hajt in kwistjoni jifred zewg fondi ma genb xulxin – ossia d-dar tal-familja Agius u l-Fortifikazzjonijiet tac-Cittadella - u ghalhekk **il-Qorti tal-Magistrati kellha tapplika l-prezunzjoni *juris tantum* tal-komunanza tal-istess hajt**;[8] jigi sollevat ukoll li l-prosekuzzjoni fil-kawza odjerna ma kellhom jippruvaw xejn ghajr is-sussistenza tal-prerekwiziti ghal din il-prezunzjoni, cioe' li l-hajt jifred zewg fondi ma genb xulxin;

Il-fatt li dan il-hajt jifred zewg fondi ma genb xulxin gie ampjament provat quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet premessi, inkluz permezz tad-diversi pjanti w ritratti li gew esebiti quddiemha li jinkludu l-pjanta *a fol.* 43 u r-ritratti inseriti *a fol.* 44 sa 46, li huma ritratti mehudin "minn fuq il-passagg madwar il-Foss tac-Cittadella", u r-ritratti *a fol.* 50, li juru l-hajt in kwistjoni kif kien qabel l-incident;

Illi in oltre jigi umilment rilevat li fir-rigward **it-tielet prova** hawn fuq imfissra, permezz tad-dikjarazzjoni ta' Mark Anthony Mifsud citata mill-Qorti u hawn fuq

---

[7] L-enfasi ta' l-esponent.

[8] App. Civ. 47 / 06, **Therese Pace bhala mandatarja ta' bintha Elizabeth xebba Pace debitament mahtura bi prokura hawn annessa vs Carmela xebba Borg u b'digriet tat-3 ta' Dicembru 2008, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Philip Vella, Olympia Borg, Andrew Vella u Bernarda mart Salvu Vella, minflok Carmela Borg li mietet fil-mori tal-kawza** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili presedua mill-Imhallfin S.T.O. Prim Imhallef Silvio Camilleri, Onor. Imhallef Tonio Mallia u Onor. Imhallef Noel Cuschieri nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017

kwotata, l-esponent bir-rispett jilmenta li dan ix-xhud hawnhekk ma kienx qed jikkumenta dwar min huma s-sidien tal-hajt in kwistjoni, u b'hekk ma setghetx tintuza bhala provi ta' lil min jappartjeni l-hajt;

Illi l-esponent umilment ihoss li x-xhud hawnkekk kien qieghed jispjega dwar il-fatt li ***ghalkemm*** in-naha ta' barra tal-hajt divizorju (*ossia* l-qoxra tas-swar tac-Cittadella, fejn sussegwentement inbniet id-dar tal-familja Agius) kien **originarjament tal-istess materjali** bhal dawk li jinsabu fil-partijiet originali tal-fortifikazzjonijiet, ***minhabba l-fatt*** li kienu saru xoghlijiet fuq dik in-naha madwar mitejn (200) sena ilu, din in-naha llum saret **irrikonoxxibbli** bhala parti mill-fortifikazzjonijiet tac-Cittadella, izda certament ma jistax jinghad li, **f' sens strutturali,** tali hajt mitejn sena ilu b'xi mod ma baqax ikun parti **integrali** tal-istrutturi tal-fortifikazzjonijiet imsemmijin;

**Illi fil-fatt, il-hajt fuq in-naha tad-dar qatt ma giet b' xi mod separata mill-qoxra tal-fortifikazzjoni, izda jirrizulta li l-bixra biss ta' din il-qoxra giet mibdula;**

Illi fil-fatt fl-istess seduta r-rapprezentant tas-Sovrintendenza kien stqarr, ftit hin qabel ma qal dak li gie kkwotat mill-Qorti tal-Magistrati, li:

> "meta nbniet id-dar, probably in the late nineteenth century [...] dawn probabbli biddlu l-allinjament tant li l-morfologija tal-hajt **ma kinitx** [recte: kinit] **TIXHED** li kienet parti originali mill-fortifikazzjonijiet" (*fol.191) (*l-enfasi ta' l-esponent) ;

Illi taht dan l-aggravju l-esponent umilment jaccenna ukoll illi, ghall-kontrarju tal-fehma tal-Qorti tal-Magistrati, il-fatt li dan il-hajt kien parti integrali mill-fortifikazzjonijiet tac-Cittadella gie rikonoxxut kemm-il darba matul l-Inkjesta Magisterjali permezz tax-xhieda migbura quddiemha u fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, fosthom bil-hrug mill-Ufficju tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali ta' *Conservation Order* li jispjega b'mod car u inekwivoku li *"**A section*** [**ossia**

**l-hajt in dizami**] ***of the parapet wall* [9] *and counterscarp* [10] *at Cittadella collapsed"*** (vide *fol.* 184) [11];

Illi, in oltre, matul ix-xhieda tieghu l-Perit Hermann Bonnici pprezenta relazzjoni fejn bil-gurament ikkonferma illi:

> *For this reason, the masonry elements shall be carefully lifted from site, sorted and stored in the vicinity to be used in the reconstruction of the foundations of the collapsed* ***covertway*** [12]. *As far as is technically possible, the original construction methodology shall be employed in the reconstruction of the* ***counterscarp*** (*fol.* 225) (l-enfasi ta' l-esponent) ;

Illi fir-rigward **it-tieni bazi**, l-esponent umilment ihoss li mir-ritratti esebiti u hawn fuq riferiti jidher car li l-hajt in kwisjoni ma kellux bzonn l-ebda tip ta' restawr ghax kien ghadu fi stat ta' konservazzjoni tajjeb; illi fi kwalunkwe kaz, l-esponent b'kull rispett ihoss li prova bhal din ma tista' qatt titqies bhala prova ta' min huma l-isidien ta' kwalunkwe proprjeta' immobbli – fil-fatt, l-esponent umilment jissuggerixxi li jista' jkun il-kaz li l-awtoritajiet kienu ddecidew biex jikkonservaw biss dawk il-partijiet tal-fortifikazzjonijiet li kellhom bzonn konservazzjoni, kif fil-fatt huwa l-prassi komuni fost il-konservaturi diligenti;

Illi ghaldaqstant l-esponent ihoss li ghandu jsegwi li fil-verita', l-ingredjenti ta' l-artikolu Artikolu 328 tal-Kodici Kriminali tassew jezistu fil-fatti tal-kaz odjern, u dan

---

[9] *"A parapet fortification is a wall of stone, wood or earth on the outer edge of a defensive wall or trench, which shelters the defenders."* – https: / / en.wikipedia.org / wiki / Parapet

[10] *"A scarp and a counterscarp are the inner and outer sides, respectively, of a ditch or moat used in fortifications. Attackers […] must descend the counterscarp and ascend the scarp"* - https: / / en.wikipedia.org / wiki / Counterscarp

[11] L-enfasi ta' l-esponent.

[12] *"A covertway or covered way is a path on top of the counterscarp of a fortification"* - https: / / en.wikipedia.org / wiki / Covertway

stante illi l-hajt jew parti minnu jappartjeni lill-Gvern **ghax** jifforma parti integrali mill-fortifikazzjonijiet tac-Cittadella;

Illi, l-esponent ihoss li altrimenti l-Qrati taghna jkunu qeghdin jaghtu l-impressjoni dannaggjuza li kull modifikazzjoni u / jew *accretion* li sar lill-fortifikazzjonijiet tac-Cittadella *wara s-seklu hmistax* jista' jigi mwaqqa' jew mibdul minn dawk il-propjetarji l-ohra li ghandhom il-hitan divizorji jappoggjaw tali fortifikazzjonijiet u dan minghajr ebda konsegwenzi;

**Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha ssib lill-imputati hatjin skond din l-ewwel imputazzjoni.**

IL-HAMES AGGRAVJU

**Illi sussidjarament u minghajr pregudizzju ghas-suespost jew ghall-aggravji l-ohra, l-esponent jirrileva li l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha ghaddiet biex tillibera lill-imputati mit-TIENI imputazzjoni minhabba li l-fatt ma kienx fih l-ingredjenti tar-reat ikkontemplat f'tali imputazzjoni dedott kontrihom;**

Illi l-appellant umilment jissottometti illi huwa qieghed iressaq dan l-aggravju a tenur tal-Artikolu 413 (1) (b) (iv) (*i*) tal-Kodici Kriminali li jikkontempla kazijiet fejn "l-imputat jew l-intimat jigi liberat minhabba f'li l-fatt ma jkunx fih l-ingredjenti ta' reat";
Illi, l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza appellata, wara li kkunsidrat t-tieni imputazzjoni, kkonkludiet li l-fatt ma fihx l-ingredjenti tar-reat ikkontemplat taht l-Artikolu 70 (1) (a) tal-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali,[13] u dan stante li l-hajt in dizami **ma jifformax parti mill-"proprjeta' kulturali" ta' Malta**, u b'hekk iddecidiet li tali imputazzjoni ma tistax tirrizulta u ghaddiet biex tillibera lill-imputati minn din l-imputazzjoni;

[13] Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jigi rilevat illi, skond il-fehma umli tal-esponent, il-Qorti wasslet ghad-decizjoni taghha li l-fatt ma fihx l-ingredjenti tar-reat a bazi ta' interpretazzjoni hazina tal-ligi; Illi, skond is-sentenza appellata, l-hajt in dizami ma jifformax parti mill-"proprjeta' kulturali" ta' Malta u ghalhekk ghaddiet biex tillibera lill-imputati min din l-imputazzjoni;

Illi l-Qorti bbazat din id-decizjoni fuq artikolu 2 tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali w fuq ix-xhieda ta' Mark Anthony Mifsud fejn spjega li "il-hajt li nizel, *ir-retaining wall*, il-hajt ta' appogg ma kellux valur evidenti, certament mhux valur ta' fortifikazzjoni ghax kien pjuttost assocjat ma' xoghol li sar wara meta nholoqot id-dar" (*fol*. 192) ;
Illi qabel xejn jigi rilevat li artikolu 2 tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali jiddisponi illi "proprjetà kulturali" tfisser proprjetà mobbli jew immobbli, irrespettivament ta' min hi, **li taghmel parti mill-patrimonju kulturali**;

Illi, l-esponent ihoss li l-Qorti kellha tikkunsidra d-disposizzjonijiet ta' <u>artikolu 3</u> ta' l-istess Att, apparti dawk li nsibu taht artikolu 2, ghaliex **minn artikolu 3 johrog car li l-hajt li nizel jifforma parti mill-<u>proprjeta' kulturali</u>, anki jekk dina l-Onorabbli Qorti kellha tiddeciedi illi ma jifformax parti mill-fortifikazzjonijiet in kwistjoni**;
Illi artiklu 3 ta' Att Dwar il-Patrimonju Kulturali jiddisponi illi:

> *[…] **oggett ma jitqiesx li jkun jaghmel parti mill-patrimonju kulturali** kemm-il darba dan ma jkunx ezista f'Malta, inkluzi l-ibhra territorjali taghha, jew f'xi pajjiz iehor, **<u>ghal hamsin sena</u>**, jew kemm-il darba ma jkunx oggettta' valur kulturali, artistiku, storiku, etnografiku, xjentifiku jew industrijali, ukoll jekk kontemporanju, li ghandu jigi preservat.*

Illi ghalhekk isegwi li waqt li artikolu 2 jistabbilixxi li "proprjetà kulturali" tfisser kwalunkwe proprjetà li taghmel parti mill-patrimonju kulturali, artikolu 3 jiddisponi li l-patrimonju kulturali jikkonsisti fi kwalunkwe oggett li ghandu iktar minn hamsin

sena (jew inqas jekk skond is-Sovrintendenza l-oggett fih l-valuri msemmijin f'tali artikolu u ghandu jigi preservat);

Illi fil-fatt jirrizulta, anki mill-istess xhieda ta' Mark Anthony Mifsud (*fol.* 191: fin-"*nineteenth century"*) , li x-xoghlijiet fuq il-hajt in kwistjoni kienu saru **iktar minn mitejn (200) sena ilu**, u ghalhekk avolja l-fatt li l-qoxra tal-fortifikazzjonijiet ma kinitx tinstab fl-istat originali taghha fejn qieghda d-dar tal-familja Agius, dawk ix-xoghlijiet li saru lill-hajt mitejn sena ilu **<u>wkoll</u>** ghandhom jitqiesu bhala "propjeta' kulturali" ta' Malta ghax jifformaw parti mill-patrimonju kulturali ghas-semplici raguni li gew imwettqin iktar minn hamsin sena;

Illi ghaldaqstant l-esponent ihoss li ghandu jsegwi li fil-verita', l-ingredjenti ta' l-artikolu 70 (1) (a) ta' l-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali tassew jezistu fil-fatti tal-kaz, u dan stante illi l-hajt zgur jifforma parti mill-proprjeta' kulturali ta' Malta minhabba l-fatt li ghandu iktar minn hamsin sena, u **ghalhekk din il-Qorti ghandha ssib lill-imputati hatjin skond din it-tieni imputazzjoni.**

**<u>IS-SITT AGGRAVJU</u>**

**Illi sussidjarament u minghajr pregudizzju ghas-suespost jew ghall-aggravji l-ohra, l-esponent jirrileva li l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha ghaddiet biex tillibera lill-imputati <u>mit-TIELET imputazzjoni</u> minhabba li l-fatt ma kienx fih l-ingredjenti tar-reat ikkontemplat f'tali imputazzjoni dedott kontrihom;**

Illi l-appellant umilment jissottometti illi huwa qieghed iressaq dan l-aggravju a tenur tal-Artikolu 413 (1) (b) (iv) (*i*) tal-Kodici Kriminali li jikkontempla kazijiet fejn "l-imputat jew l-intimat jigi liberat minhabba f'li l-fatt ma jkunx fih l-ingredjenti ta' reat"; Illi, l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza appellata, wara li kkunsidrat t-tielet imputazzjoni, kkonkludiet li l-fatt ma fihx l-ingredjenti tar-reat ikkontemplat taht Artikolu 103 (1) (b) tal-Att Dwar l-Ipjannar tal-Izvilupp, u dan stante **<u>tlett ragunijiet</u>**:

1) il-hajt in dizami ma jifformax parti mill-fortifikazzjonijiet ta' madwar ic-Cittadella; u
2) ir-reat ikkontemplat fl-artikolu surrferit mhux wiehed kolpuz; u
3) il-hajt in dizami mhux skedat skond l-Avviz numru 427 mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar is-27 ta' Gunju 1995,

u ghalhekk ghaddiet biex tillibera lill-imputati minn din l-imputazzjoni;

Illi kif se jigi umilment spjegat mill-esponent, it-tlett ragunijiet hawn fuq imfissra **mhumiex minnhom**, u li fil-fatt jirrizulta li l-fatti tal-kawza odjerna fihom l-ingredjenti tar-reat ikkontemplat minn Artikolu 103 (1) (b) tal-Att Dwar l-Ipjannar tal-Izvilupp, fosthom li l-hsara saret lill-fortifikazzjonijiet ta' madwar ic-Cittadella permezz tan-negligenza tal-imputati;

Illi fir-rigward l-**ewwel raguni**, ossia l-kwistjoni ta' jekk il-hajt jifforma parti mill-Fortifikazzjonijiet jew le, l-esponent jaccenna bir-rispett li matul l-indagni tal-Magistrat Inkwirenti u l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, gie ampjament kkonfermat li l-hajt kien **u huwa** parti integrali mill-fortifikazzjonijiet tac-Cittadella, inkluz meta l-Ufficju tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali hareg *Conservation Order* minhabba li "*A section* [**ossia l-hajt in dizami**] *of the* ***parapet wall*** [14] *and* ***counterscarp*** [15] *at Cittadella collapsed*" [16] (*fol.* 184) ;

In oltre, gie kkonfermat bir-relazzjoni tal-Perit Hermann Bonnici li halef bil-gurament tieghu illi:

[14] "*A parapet fortification is a wall of stone, wood or earth on the outer edge of a defensive wall or trench, which shelters the defenders.*" – https: / / en.wikipedia.org / wiki / Parapet
[15] "*A scarp and a counterscarp are the inner and outer sides, respectively, of a ditch or moat used in fortifications. Attackers […] must descend the counterscarp and ascend the scarp*" - https: / / en.wikipedia.org / wiki / Counterscarp
[16] L-enfasi ta' l-esponent.

*"For this reason, the masonry elements shall be carefully lifted from site, sorted and stored in the vicinity to be used in the reconstruction of the foundations of the collapsed* ***covertway****.*[17] *As far as is technically possible, the original construction methodology shall be employed in the reconstruction of the* ***counterscarp****"* (*fol.* 30) (l-enfasi ta' l-esponent) ;

Illi rigward it-**<u>tieni raguni</u>** msemmija mill-Qorti hawn fuq imfissra, jigi rilevat li hija l-umli fehma tal-esponent li l-Qorti ghamlet interpretazzjoni hazina tal-Artikolu 103 (1) (b) tal-Att Dwar l-Ipjannar tal-Izvilupp;

Illi il-Qorti fis-sentenza appellata kienet tal-fehma li:

*"Ebda wahda mid-dispozizzjonijiet tal-artikoli 57 u 58 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp ma jaghmel referenza ghal xi forma ta' culpa u ghalhekk huwa evidenti li r-reati huma doluzi (vide, passim, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet) . Ma huwiex kontestat li qatt ma kien hemm intenzjoni, la diretta u lanqas pozittiva indiretta, li jitwaqqa' l-hajt mertu ta' din il-kawza; <u>ir-reati msemmija fis-subartikoli (5) u (6) tal-artikolu 57 jirrikjedu intenzjoni - dolo</u>* **-** *li mhux biss ma gietx ippruvata f'dan il-kaz imma addirittura hija manifestament eskluza mill-provi. Dan qed jinghad minghajr pregudizzju ghall-fatt li qatt ma saret xi allegazzjoni li l-imputat volontarjament ried iwaqqa' l hajt in kwistjoni"* (l-enfasi ta' l-esponent);

[17] *"A covertway or covered way is a path on top of the counterscarp of a fortification"* - https: / / en.wikipedia.org / wiki / Covertway

Illi fl-umli fehma ta' l-esponent, din hija interpretazzjoni hazina tal-ligi in dizami, u dan stante li huwa tassew minnu li l-artikoli msemmijin hawn fuq **jippermettu n-negligenza**;

Illi dawn l-artikoli jiddisponu s-segwenti:

> *(5) It-twettiq ta' xoghlijiet, id-demolizzjoni, tibdil u estensjoni ta'proprjetà skedata huma projbiti jew ristretti kif previst f'dan l-artikolu jew fl-ordni ta' konservazzjoni relattiv.*
> *(6) Ebda xoghol ta' kull xorta m'ghandu jitwettaq fi proprjetà skedata jew fuqha u ebda proprjetà skedata m'ghandha tigi demolita, mibdula jew imkabbra hlief bil-permess tal-Bord tal-Ippjanar, moghti wara li ssirlu applikazzjoni u li jkun fiha dawk id-dettalji li l-Bord tal-Ippjanar jehtieg, jew skont id-dispozizzjonijiet ta' ordni ghall-konservazzjoni, u ghall-ghanijiet ta' dan l-artikolu,* **hsara lil u distruzzjoni ta' kull parti ta' proprjetà skedata ghandha titqies bhala demolizzjoni taghha** (l-enfasi ta' l-esponent);

Illi fl-umli opinjoni tal-esponent huwa manifestament car li r-raguni ghalfejn il-legislatur kellu jikkjarifika li ghall-ghan ta' l-artioklu hawn fuq imsemmi l-kelma "demolizzjoni" tinkludi ukoll l-"**hsara**", kien precizament biex jipprotegi proprjetajiet skedati minn kwalunkwe tip ta' demolizzjoni, inkluz dak li jsir permezz tan-neglgenza;

Illi fil-fatt, skond Black's Law Dictionary l-kelma "hsara" giet imfissra bhala:

> *Loss, injury, or deterioration, caused by the* ***negligence****, design, or accident of one person to another, in respect of the latter's person or*

*property. The word is to be distinguished from its plural* [18] (l-enfasi ta' l-esponent);

Illi kif iddecediet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza ***Il-Pulizija vs Salvatore Camilleri***[19] dwar ic-cirkostanzi ta' meta l-hsara tista' tigi kkagunata permezz tan-negligenza ta' kwalunkwe tip, jigi rilevat illi:

> *Negligenza tikkostitwixxi koncett negativ, u tikkonsisti fl-ammissjoni ta' dak il-grad ta' diligenzali tehtieg skond ic-cirkustanzi. Il-grad ta' diligenza jvarja anki skond l-entita' tar-riskju u l-gravita' tal-hsara li tista' ssir; u din id-diligenza tista' tigi meqjusa anki in bazi ghall-ligijiet li jimponu certi doveri.* ***Sakemm hemm "a chain of causation" bejn in-negligenza originarja u l-hsara li grat, hemm ir-responsabilita'****, avvolja jkun hemm "an intervening act of a third person"; bastali dak l-att tat-terza persuna seta' jew kien imissu jigi ragjonevolment prevedut. Min ikun hati ta' negligenza li taqa' taht dawn it-"tests", jirrispondi ghall-hsara li tigri, avvolja l-fatt li kkaguna l-hsara jkun ghamlu haddiehor* (l-enfasi ta' l-esponent) ;

Illi l-fatt li l-hajt in kwistjoni gie demolit minhabba n-negligenza tal-imputati kien gie ampjament ippruvat quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-mori tal-kawza fl-ismijiet premessi b'diversi provi, u dawn jinsabu elenkati fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija (*a fol.* 347 *et seq.*);

Illi ghalhekk l-esponent ihoss li din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkonkludi li l-Kummissarju tal-Pulizija fl-istess Nota ta' Sottomossjonijiet kellu ragun meta kien tal-fehma li dan ir-reat jippermetti n-negligenza;

---

[18] Black's Law Dictionary, 2nd Ed.

[19] Fis-sentenza preseduta mill-Onor. Imhallef William Harding fis-seduta tas-17 ta' Mejju 1948. Volum 33F (1948) , Parti Nru. 4, Taqsima , Pagna 690.

Illi rigward **it-tielet raguni**, *ossia* l-kwistjoni ta' jekk il-hajt kien skedat jew le skont l-Avviz numru 427 mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar is-27 ta' Gunju 1995, dan ukoll gie pprovat quddiem il-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet surreferiti, fosthom ix-xhieda ta' Gordon Grech, stazzjonat il-*Planning Authority*, Ghawdex bhala *Senior Executive Officer*, li fis-seduta tat-18 ta' Frar 2020 ikkonferma bil-gurament li **"dak il-hajt li waqa' huwa Grade One (1) building skont l-Avviz Legali 427 / 95"** (*a fol.* 172) ;

Illi min din ix-xhieda, kif ukoll a bazi tal-*Conservation Order* li nhareg mill-Ufficju tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali (inserita *a fol.* 184) [20] , fost provi ohrajn li gew esebiti quddiem l-Ewwel Qorti, johrog b'mod car li **l-hajt huwa skedat ghax jifforma parti mill-fortifikazzjonijiet**;

Illi ghaldaqstant l-esponent ihoss li ghandu jsegwi li fil-verita', l-ingredjenti ta' artikolu 103 (1) (b) tal-Kapitolu 552 tal-Ligijiet ta' Malta tassew jezistu fil-fatti tal-kaz odjern, u dan stante illi l-hajt zgur jifforma parti mill-fortifikazzjonijiet tac-Cittadella li huma skedati skond il-ligi, u stante li l-hsara lill-hajt saret bin-negligenza tal-imputati, u **ghalhekk din il-Qorti ghandha ssib lill-imputati hatjin skond din it-tielet imputazzjoni.**

**IS-SEBA' AGGRAVJU**

Illi jekk tinstab htija fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Mark Agius,** din il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghandha wkoll tiddeciedi li l-istess **Mark Agius** irrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati li huma definittivi li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9.

Ghaldaqstant, l-esponenti, ghal dawn il-motivi kif ukoll dawk ir-ragunijiet l-ohra kollha li jistghu jirrizultaw fit-trattazjoni orali ta' dan l-umli appell, filwaqt li

[20] L-enfasi ta' l-esponent.

jinterponi appell mis-sentenza moghtija nhar is-16 ta' Settembru 2021 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi, u filwaqt li jaghmel referenza ghall-atti kollha tal-kawza, jitlob bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti toghgobha **thassar u tirrevoka** s-sentenza appellata u minflok, in vista tal-konsiderazzjonijiet imsemmija aktar 'l fuq f'dan l-umli appell, tghaddi sabiex issib l-appellati hatjin, skond il-ligi, **tat-tlett imputazzjonijiet** dedotti fil-konfront taghhom, u ssib lill-imputat appellat Mark Agius wahdu, skond il-ligi, hati **tar-raba' imputazzjoni** dedott fil-konfront ta' Mark Agius wahdu, w konsegwentament tinfliggi fuqhom l-piena idonea skond il-ligi.

Semghet lill-partijiet jitratttaw il-kaz u appuntu d-difiza tiddikjara li qed taqbel ma l-ewwel aggravju imressaq mill-Avukat Generali u ghalhekk waqt is-seduta li inzammet nhar is-7 ta' Jannar 2022 il-partijiet qablu li din il-Qorti ghandha tillimita ruhha fil-gudizzju taghha dwar l-ewwel aggravju.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant Avukat Generali, fl-ewwel aggravju tieghu qieghed jecepixxi n-nullita' tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi datata s-16 ta' Settembru, 2021. Ghaldaqstant din is-sentenza ser tkun limitata ghall-ewwel aggravju. L-Avukat Generali qieghed jibbaza dan a tenur tal-Artikolu 413(1)(b)(viii) tal-Kodici Kriminali u dan stante li t-tieni imputazzjoni a tenur tal-Artikolu 70(1) tal-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali jistipula s-segwenti:

*70.(1) Kull min:*

*(a) xjentement, jew b'negliġenza, nuqqas ta' ħila jew ta'osservanza ta' regolamenti jikkaġuna dannu lil jewjeqred proprjetà kulturali sew jekk tali proprjetàkulturali tkun sew jekk ma tkunx reġistrata f'xiinventarju skont dan l-Att, u kemm jekk is-sid ta' taliproprjetà ta'*

*patrimonju kulturali jkun il-persuna litkun ikkaġunat il-ħsara jew il-qerda, kemm dik il-persuna tkun qegħda tamministraha b'mod leġittimu;*

*għandu jkun ħati ta' reat kontra dan l-Att u għandu jeħel, meta jinstabħati, multa ta' mhux inqas minn elfejn euro (€2,000) u li ma taqbiżx mitejn u ħamsin elf euro (€250,000), jew* ***priġunerija għal terminu lima jaqbiżx sitt (6) snin****, jew għal dik il-multa u priġunerija:*

F'dan l-istadju l-Qorti tixtieq taghmel referenza ghall-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali li jistipula s-segwenti:

*(4) (a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1)(b), jekk id-delitt li bih l-imputat ikun akkużat huwa wieħed li għalih hemm piena ta'* ***priġunerija għal żmien ta' aktar minn sentejn iżda mhux aktar minn sitt snin****,* ***il-qorti għandha, waqt l-eżami tal-akkużat skont l-artikolu 392 iżda qabel ma jiġi eżaminat skont is-subartikolu (l)(b) ta' dak l-artikolu, tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ittrattat bi proċedura sommarja; u l-qorti għandha tagħtih żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija.***

***b) Jekk, matul l-imsemmi żmien, l-akkużat iwieġeb li huwa m'għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ittrattat bi proċedura sommarja, il-qorti għandha tistaqsi lill-uffiċjal prosekutur jekk l-Avukat Ġenerali jkunx ta l-kunsens tiegħu bil-miktub sabiex il-każ jiġi ittrattat bi proċedura sommarja, u jekk ma ssir ebda oġġezzjoni, il-qorti għandha tinnota dan il-fatt filproċess u malli tagħmel hekk il-qorti tkun kompetenti li titratta l-każ tal-akkużat u għandha tipproċedi skont hekk:***

*Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tiftiehem li żżomm lill-qorti milli tipproċedi bil-kompilazzjoni meħtieġa jekk mill-provi jkun jidher li sar delitt li jaqbeż il-kompetenza tagħha*

Il-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali meta bdiet il-procedura kontra l-appellati kienet dwar reati li jgorru piena ta' mhux aktar minn sentejn prigunerija. Artikolu 470(4) jistipula s-segwenti:

*(4) (a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1)(b), jekk id-delitt li bih l-imputat ikun akkużat huwa wieħed li għalih hemm piena ta' priġunerija għal żmien ta' aktar **minn sentejn iżda mhux aktar minn sitt snin, il-qorti għandha, waqt l-eżami tal-akkużat skont l-artikolu 392 iżda qabel ma jiġi eżaminat skont is-subartikolu (l)(b) ta' dak l-artikolu, tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ittrattat bi proċedura sommarja; u l-qorti għandha tagħtih żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija.***

*(b)Jekk, matul l-imsemmi żmien, l-akkużat iwieġeb li huwa m'għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ittrattat bi proċedura sommarja, il-qorti għandha tistaqsi lill-uffiċjal prosekutur jekk l-Avukat Ġenerali jkunx ta l-kunsens tiegħu bil-miktub sabiex il-każ jiġi ittrattat bi proċedura sommarja, u jekk ma ssir ebda oġġezzjoni, il-qorti għandha tinnota dan il-fatt fil-proċess u malli tagħmel hekk il-qorti tkun kompetenti li titratta l-każ tal-akkużat u għandha tipproċedi skont hekk:*

*Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tiftiehem li żżomm lill-qorti milli tipproċedi bilkompilazzjoni meħtieġa jekk mill-provi jkun jidher li sar delitt li jaqbeż il-kompetenza tagħha.*

Illi jirrizulta b'mod car illi l-Ewwel Qorti ma mxietx skond l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali. Ma jidher imkien mill-atti li sar ezami tal-akkuzati, illum appellati, u lanqas ma jidher li kellha l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz kontra l-imputati jitmexxa bil-procedura sommarja skond l-Artikolu 370(4)(a). Minkejja dan, din ma pprocedietx fil-kompetenza istruttorja taghha izda qabdet u pprocediet bhala Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Din il-Qorti hi tal-fhema illi l-Ewwel Qorti ma haditx id-decizjoni korretta skond il-ligi u dan *stante* kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maurice Attard**,[21] li ***'l-kompetenza tal-Qrati hija dejjem kwistjoni ta' ordni pubbliku ghaliex qorti ma tistax tassumi poteri li mhumhiex moghtija lilha bil-ligi.'***

Ghal kuntrarju tas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omisses, Jonathan Farrugia,**[22] f'dan il-kaz odjern ma kienx hemm il-procedura tar-rinviju fejn l-Avukat Generali setgha jirregola ruhu u wisq anqas, kif diga' gie ritenut, ma l-appellati ma gew mistoqsija jekk kellhomx xi oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja. Ghaldaqstant, in vista' tal-karenza fil-formalita' tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti, liema formalita' hija wahda essenzjali, qed tiddikjara nulla u bla effett is-sentenza appellata.

Wara li rat l-Artiklolu 428 tal-Kodici Kriminali, tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex tisma u tiddeciedi l-kaz mill-gdid.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Deputat Registratur

[21] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Novembru, 2021.
[22] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Mejju, 2011.